



Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajnuna tar-Renju Unit għall-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley Point C

B'deċiżjoni tat-8 ta' Ottubru 2014 ¹, il-Kummissjoni Ewropea approvat l-għajnuna li r-Renju Unit qed jippjana li jagħti lill-Unità C tal-impjant nukleari ta' Hinkley Point, li jinsab f'Somerset, fuq il-kosta tar-Renju Unit (iktar 'il quddiem "Hinkley Point C"), bil-għan li tippromwovi l-**ħolqien ta' kapaċitajiet ġodda ta' produzzjoni ta' enerġija nukleari**. It-tħaddim ta' din l-unità huwa skedat għas-sena 2023, għal perijodu operattiv ta' sittin sena. L-għajnuna, li hija maqsuma fi tliet partijiet, hija maħsuba għall-operatur futur tal-Unità C, NNB Generation Company Limited (iktar 'il quddiem "NNB Generation"), sussidjarja ta' EDF Energy plc.

L-ewwel waħda mill-miżuri inkwistjoni hija "Kuntratt għad-Differenza" ², intiż li jggarantixxi stabbiltà tal-prezzijiet għall-bejgħ tal-elettriku ta' NNBG matul il-fażi operattiva ta' Hinkley Point C. It-tieni tikkonsisti fi ftehim bejn l-investituri ta' NNBG u s-Segretarju tal-Istat għall-Enerġija u l-Bidla fil-Klima tar-Renju, li jggarantixxi kumpens fil-każ ta' għeluq bikri tal-impjant tal-enerġija nukleari għal raġunijiet politiċi. It-tielet waħda hija garanzija ta' kreditu tar-Renju Unit fuq il-bonds li għandhom jinħarġu minn NNB Generation, li tiggarrantixxi l-ħlas fil-ħin tal-ammont prinċipali u tal-interessi tad-dejn ammissibbli.

Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kklassifikat dawn it-tliet miżuri bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, b'applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Taħt din id-dispożizzjoni, għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' titqies kompatibbli mas-suq intern, sakemm ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

L-Awstrija talbet l-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li madankollu ċaħdet dan l-appell b'sentenza tat-12 ta' Lulju 2018. ³

Adita b'appell imressaq mill-Awstrija ⁴, il-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, intalbet twieġeb il-kwistjoni, mingħajr preċedent fil-ġurisprudenza, dwar jekk il-kostruzzjoni ta' impjant tal-enerġija nukleari tistax tibbenefika minn għajnuna mill-Istat approvata mill-Kummissjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. **Billi ċaħdet l-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta affermattiva għal din id-domanda.**

L-ewwel nett il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tkun tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, l-għajnuna mill-Istat għandha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet, l-ewwel waħda tkun li jkollha tkun intiża biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/658 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar il-miżura ta' għajnuna SA.34947 (2013/C) (ex 2013/N) li r-Renju Unit qed jippjana li jimplimenta bħala Appoġġ għall-Impjant tal-Enerġija Nukleari Hinkley Point C (ĠU 2015, L 109, p. 44).

² Il-partijiet għal dan il-kuntratt huma NNB Generation u l-kumpannija Low Carbon Contracts Ltd, entità li ser tiġi ffinanzjata minn obbligu statutorju li jorbot b'mod konġunt lill-fornituri approvati kollha tal-elettriku.

³ Sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, [T-356/15](#) ; ara wkoll [CP no 104/18](#).

⁴ Bħalma għamel quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Lussemburgu intervjena favur l-Awstrija fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li r-Repubblika Ċeka, Franza, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja u r-Renju Unit intervjenew favur il-Kummissjoni.

reġjuni ekonomiċi, it-tieni wieħed huwa li ma jkollhiex taffettwa l-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jkun kuntrarju għall-interess komuni. Din id-dispożizzjoni, min-naħa l-oħra, **ma teżiġix li l-għajnuna proposta tfittex għan ta' interess komuni**. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet bħala infondati il-varji argumenti tal-Awstrija bbażati fuq il-fatt li l-kostruzzjoni ta' impjant tal-enerġija nukleari ġdid ma tikkostitwixxi għan ta' interess komuni.

Il-Qorti kkonfermat ukoll li, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi fit-Trattat Euratom, ir-regoli tat-TFUE dwar l-għajnuna mill-Istat huma intiżi biex japplikaw fis-settur tal-enerġija nukleari. Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, it-Trattat Euratom ma jipprekludix l-applikazzjoni f'dan is-settur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent, b'tali mod li **għajnuna mill-Istat favur attività ekonomika li tappartjeni għas-settur tal-enerġija nukleari, li l-eżami tagħha jiżvela li jikser ir-regoli ambjentali, ma tkunx tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern**. L-iżball ta' liġi hekk imwettaq mill-Qorti Ġenerali, **madankollu**, baqa' mingħajr impatt fuq il-merti tas-sentenza appellata, sa fejn **il-prinċipji ta' protezzjoni ambjentali, ta' prekawzjoni, ta' min iniġġes iħallas u ta' sostenibbiltà invokati mill-Awstrija insostenn għar-rikors għall-annullament tagħha ma jistgħux jitqiesu li tipprekludi, fi kwalunkwe każ, tingħata għajnuna mill-Istat għall-kostruzzjoni jew l-operazzjoni ta' impjant ta' enerġija nukleari**. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li approċċ bħal dan ma jkunx kompatibbli mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 194(2) TFUE, li minnu jirriżulta li **Stat Membru huwa liberu li jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-operat tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu, mingħajr ma jiġi eskluż li din l-għażla tista' tirrigwarda l-enerġija nukleari**.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument tal-Awstrija li qal li l-Qorti Ġenerali ddefinixxiet ħażin l-attività ekonomika rilevanti fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-produzzjoni ta' enerġija nukleari, li l-miżuri inkwistjoni għandhom l-għan li jiżviluppaw, tabilħaqq tikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, barra minn hekk, li l-identifikazzjoni tas-suq tal-prodott li fih isseħħ l-attività koperta mill-għajnuna hija rilevanti biex jiġi vverifikat jekk din tal-aħħar jaffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li jmur kontra interess komuni, li hija t-tieni kundizzjoni li fuqha hija suġġetta l-kompatibbiltà ta' għajnuna taħt din id-dispożizzjoni. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet identifikat is-suq liberalizzat għall-produzzjoni u l-provvista tal-elettriku bħala s-suq affettwat mill-miżuri previsti.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali lanqas ma wettqet żball ta' liġi meta qieset li, għalkemm l-eżistenza ta' nuqqas tas-suq ikkonċernat mill-għajnuna prevista tista' tikkostitwixxi element rilevanti għad-dikjarazzjoni tagħha kompatibbli mas-suq intern, l-assenza ta' nuqqas bħal dan mhux neċessarjament twassal għall-inkompatibbiltà tiegħu mas-suq intern.

Fir-rigward tal-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-għajnuna prevista favur Hinkley Point C, il-Qorti l-ewwel nett fakkret li l-Qorti Ġenerali eżaminat il-proporzjonalità tal-miżuri inkwistjoni fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-provvista elettriku mir-**Renju Unit**, filwaqt li ġustament ikkonfermat li dan tal-aħħar kien liberu li jiddetermina l-kompożizzjoni tat-kompożizzjoni tas-sorsi tal-**enerġija** tiegħu. Meta eżaminat il-kundizzjoni li l-għajnuna proposta ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jkun kuntrarju għall-interess komuni, il-Kummissjoni ma kellhiex, barra minn hekk, tikkunsidra l-effett negattiv li l-miżuri inkwistjoni jista' jkollhom fuq it-tweġiq tal-prinċipji ta' protezzjoni ambjentali, ta' prekawzjoni, ta' min iniġġes iħallas u ta' sostenibbiltà invokati mill-Awstrija. Fil-fatt, mingħajr preġudizzju għall-verifika li l-attività appoġġata ma tiksirx ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent, l-eżami ta' din il-kundizzjoni ma teżiġix li l-Kummissjoni **tiegħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe effett negattiv eventwali għajr dawk tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, sabiex tivverifika l-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni mas-suq intern, la l-Kummissjoni u lanqas il-Qorti Ġenerali ma kienu obbligati formalment jikklassifikawhom bħala "għajnuna għall-investiment", li tista' tissodisfa kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, jew ta' "għajnuna għat-tħaddim", li l-awtorizzazzjoni li tagħha taħt din id-dispożizzjoni hija, bħala prinċipju, eskluża.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għal kwistjonijiet ta' liġi, minn sentenza jew digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandu l-ebda effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hi stess issolvi t-tilwima b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija vinkolata bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106